# 132. Il-Plattina tal-Irmied

Fuq l-iskrivanija
tal-kamra tiegħi
nara plattina
mimlija bl-irmied,
u bis-swied,
u t-truf maħruqa
tas-sigaretti
u s-sulfarini.

Mistħajlek, Mulejja,
qed tħares
fuq Hiroshima
wara l-bomba tal-qerda,
u tara plattina
mimlija bl-irmied,
u bis-swied –
it-truf tas-sigaretti
kienu biċċiet ta' skyscrapers
u s-sulfarini
ponot tal-kampnari.

Elf darba
jien rajt lis-seftura
tarmi l-irmied,
u tnaddaf il-qiegħa
tal-plattina;
elf darba, Mulejja,
int rajt lin-natura
tordom l-irmied
u s-swied
tal-ibliet meqruda,
u tnaddaf il-qiegħa
għall-bliet il-ġodda.
Bħas-sigaretti, Mulejja,
iċ-ċiviltajiet
twieldu u nħarqu b'narhom
u saru rmied
u swied
quddiem il-kobor tiegħek.